MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 1335/1983/1

John Farrugia
vs
Francis Spiteri, Sammy Meilaq u Louis Spiteri li b’sentenza tas-26 ta’ Novembru 1992 Francis Spiteri u Louis Spiteri gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-kwalita` taghhom ta’ Chairman u membru rispettivament u in rappresentanza tal-Kunsill tal-Malta Drydocks izda tibqa’ permezz tal-korrezzjoni kontra Sammy Meilaq fil-kwalita` tieghu ta’ Chairman tal-Malta Drydocks u b’digriet tat-18 ta’ Frar 2004 l-atti gew trasfuzi f’isem Saviour Gauci f’isem il-Gvern bhala successur fid-drittijiet u l-obligazzjonijiet tal-Malta Drydocks u b’digriet ta’ l-10 ta’ Jannar, 2011 l-atti ghaddew fil-persuna ta’ Joseph Crocker, Ufficjal Pubbliku fil-Ministeru tal-finanzi u Affarijiet Ekonomici f’isem il-Gvern bhala successur fid-drittijiet u fl-obbligazzjonijiet tal-Malta Drydocks Corporation

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni ta’ l-attur li biha ippremetta:

Illi fid-9 ta’ April 1981 waqt li l-attur kien qieghed jahdem fit-Tarzna, b’inkarigu ta’ l-istess konvenuti *nomine*, hu wegga’ serjament f’saqajh ix-xellugija u sofra dizabilita` permanenti kif jirrizulta mic-certifikat mediku prezentat mac-citazzjoni u immarkat Dok A.

Illi dan il-korriment li sofra l-attur u d-danni rizultanti minnu jaqghu u huma koperti b’*Personal Accident Insurance Policy* li l-konvenuti *nomine* effettwaw a beneficcju tal-haddiema kollha tat-Tarzna, inkluz l-attur.

Illi l-konvenuti *nomine* kienu qed ingustament jirrifjutaw li jaghtu kumpens xieraq lill-attur *ai termini* ta’ kif tipprovdi l-istess *Personal Accident Insurance Policy* in kwistjoni.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-korriment li fih wegga’ l-attur fid-9 ta’ April 1981 u d-danni rizultanti minnu jaqghu u huma koperti bil-*Personal Accident Insurance Policy* vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna.

2. Tillikwida, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi, il-kumpens *ossia* beneficcju dovut lill-attur a bazi ta’ l-istess polza ta’ assikurazzjoni kif ukoll danni ohra li jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* li jhallsu lill-attur l-ammont li jigi hekk likwidat kif inghad fil-paragrafu precedenti u dawk li jirrizultaw ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-17 ta’ Frar 1983 kontra l-konvenuti *nomine* li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Preliminarjament illi c-citazzjoni kif impostata kontra l-konvenuti ma tistax tregi billi l-konvenuti kif imharrka m’humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Fit-tieni lok, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-*Personal Accident Insurance Policy* tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-*Malta Drydocks* u l-assikuraturi taghha u l-beneficjarju taht din il-*policy* hija l-istess *Malta Drydocks*.

3. Illi fil-konfront tal-*Malta Drydocks* talba ghal kumpens ma tistax tregi billi ma hemm ebda ammissjoni jew kundanna ta’ responsabbilita` ta’ l-istess *Malta Drydocks* ghall-incident imsemmi u l-attur anqas talab dikjarazzjoni ta’ responsbbilta` f’dan is-sens.

4. Illi fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ma huwa dovut ebda kumpens taht il-*policy* imsemmija billi l-*claim* la saret u lanqas setghet issir *ai termini* ta’ l-istess *policy* u dan bi htija ta’ l-istess attur billi t-talba tieghu kienet tardiva.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat id-digriet tas-16 ta’ April 1984 li permezz tieghu l-Qorti innominat lil Dr. Joseph M. Ciappara bhala Perit Legali.

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Kummerc tas-26 ta' Novembru 1992 minn fejn jirrizulta li l-persuni mharrkin kienu gew imharrkin f'vesti duplici, cioe` dik relattiva ghall-kariga u dik in rapprezentanza tal-Kunsill, liema Kunsill m'ghandux tali rapprezentanza u ghalhekk din il-parti fl-okkju kienet zejda. Ma kienx hemm ghalfejn jitharrku barra c-*Chairman* u messha saret kontra c-*Chairman* biss u kellhom jinhargu mill-kawza l-membri l-ohra, liema kariga ta' Chairman fiz-zmien is-sentenza kienet okkupata minn Sammy Meilaq. Ghalhekk, barra c-*Chairman* gew liberati, izda dan kien meqjus bhala mhux kaz insanabbli u anqas jammonta ghal tibdil tal-konvenut wiehed b'iehor, u anqas ma jwassal ghal tibdil sostanzjali li jista' jippregudika lill-konvenut li baqa' fil-kawza. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni giet milqugha *in parte* u liberati mill-osservanza tal-gudizzju l-konvenuti hlief ghac-*Chairman*, kif ukoll in rapprezentanza ghall-Kunsill tal-Malta Drydocks. Giet milqugha t-talba ghad-debita korrezzjoni u l-kawza thalliet biss kontra Sammy Meilak fil-kwalita` tieghu ta' *Chairman* tal-Malta Drydocks, bl-ispejjez 2/3 kontra l-attur u 1/3 kontra l-konvenut.

Rat ukoll id-digriet tas-7 ta' Mejju 1999 li permezz tieghu Dr. Ciappara gie sostitwit b'Dr. Paul Gauci Maistre.

Rat il-verbal ta' l-24 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu l-Qorti innominat Mr. Charles Grixti bhala tabib kirurgu.

Rat ir-rapport ta' Mr. Charles Grixti li fih ghamel is-segwenti konkluzjonijiet:
"Konkluzjoni

Farrugia sofra ksur ta' wahda mill-ghadam madwar l-ghakset is-sieq tax-xellug f'*accident* li kellu fuq ix-xoghol fid-9/4/81. Ghalkemm il-ksur ghaqad l-ghadma baghqet kemxejn minfuha. Dan jista' jkun il-kagun ghaliex twegghu meta jolqotha ma' saqajh il-leminija.

Jiena nistma d-dizabilita` li fadallu Farrugia kagun ta' l-*accident* li kellu fid-9/4/1981 ta' 1% (wiehed fil-mija)."

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre li fih issemma:
"Konsiderazzjonijiet u Sottomissjonijiet tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre

32. Bhala fatti rigward l-incident in kwistjoni ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti. L-attur fid-9 ta' April 1981 wegga' waqt li kien qieghed jahdem fit-Tarzna. Mhux kontestat ukoll illi meta sehh l-incident il-Malta Drydocks kienet koperta b'*Personal Accident Insurance Policy*. Il-konvenuti qeghdin joggezzjonaw ghat-talba ta' l-attur ghas-segwenti ragunijiet:

33. **Illi c-citazzjoni kif impostata kontra l-konvenuti ma tistax tregi billi l-eccipjenti, kif imharrka, m'humiex il-legittimi kontraditturi u ghalhekk ghandhom ligu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.** Din l-ewwel eccezzjoni giet risolta fis-26 ta' Novembru 1992, meta din l-Onorabbli Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni *in parte* billi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju lil Francis Spiteri u lil Louis Spiteri u filwaqt li laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, halliet il-kawza biss kontra 'Sammy Meilaq' fil-kwalita` ta' *chairman* tal-Malta Drydocks.

34. **Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-*Personal Accident Insurance Policy* tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi taghha u l-beneficjarju taht din il-*policy* hija l-istess Malta Drydocks**. Fin-nota ta' sottomossjonijiet l-abbli difensur ta' l-attur gustament jghid illi ghalkemm l-assikurat kienet il-Malta Drydocks, il-persuni assikurati kienu l-haddiema tal-Malta Drydocks, fosthom l-attur. Fil-kaz li persuna assikurata ggarrab korriment skond it-termini tal-polza, l-assikurazzjoni thallas lill-Malta Drydocks mhux lill-haddiem korrut. Dana johrog car mill-istess polza li kopja taghha giet esebita fl-atti ta' din il-kawza. *Policy or Certificate no*. 655/MF 16367 bid-data tat-12 ta' Jannar 1983 tghid illi: '*the assured*' hija l-Malta Drydocks u s-'*schedule of insured persons*' jghid "*To cover approximately 5,135 employees of the Assured, and to include any additional and/or*

*temporory employees - subject to all wages being declared and the premium paid thereon".* Aktar 'il quddiem is-*schedule of compensation* fl-istess polza tghid: *'cover limited to employees of the Malta Drydocks against bodily injury only occurring in the course of their normal duties, at Malta Drydocks or elsewhere, including transit to and from work'*. Illi ghalhekk fil-fehma tal-esponent f'kaz ta' *claim*, ghalkemm il-hlas isir mill-kumpanija assiguratrici lill-Malta Drydocks il-beneficcjarji effetivament huma l-impjegati ta' l-istess azjenda li taghha l-attur kien wiehed minnhom.

35. **Illi fil-konfront tal-Malta Drydocks talba ghal kumpens ma tistax tregi billi ma hemm ebda ammissjoni jew kundanna ta' responsabilita` ta' l-istess Malta Drydocks ghall-incident imsemmi u l-attur lanqas talab dikjarazzjoni ta' responsabbilta`f'dan is-sens.** L-esponent ma jarax in-neccesita` ta' l-attur li jitlob dikjarazzjoni ta' responsabilita` tal-konvenuti ghall-incident in kwistjoni. Kif diga` ntqal aktar 'il fuq il-konvenuti bhala *employers* bil-ghaqal hadu hsieb li jkopru lill-impjegati taghhom b'polza ta' assigurazzjoni li tkopri lill-impjegati taghhom f'kaz ta' korriment waqt li l-impjegati jkunu fuq xogholhom. F'dawn il-proceduri l-attur mhux qed jitlob danni ta' *lucrum cessans* u *damnum emergens* direttament minghand l-*employer* tieghu bhala rizultat ta' l-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol. Il-konvenuti fl-ebda mument waqt il-gbir tal-provi ma gabu xi prova biex jezoneraw ruhhom mir-responsabbilita` ghall-incident in kwistjoni. Fl-umili opinjoni ta' l-esponent anke kieku ghamlu hekk, xorta wahda l-azzjoni ta' l-attur kif impostata fic-citazzjoni ghanda tirnexxi. Mhux kontestat illi l-incident sehh u f'dan l-incident kien involut impjegat tal-Malta Drydocks. Dan l-impjegat kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni li tistabbilixxi l-kumpens li ghandu jinghata taht l-iskema li tistabbilixxi l-gradi ta' dizabilita` lill-impjegat skond l-*injury* li jkun sofra. L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq dak li tipprovdi l-istess polza ta' assigurazzjoni u cioe` *benefit policy* naxxenti minn kuntratt fejn ir-rata ta' dizabilita` hija determinata minn qabel u marbuta ma' kwalita` ta' korriment ben definita.

36. **Ili fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost ma huwa dovut ebda kumpens taht il-*policy* msemmija billi l-*claim* la saret u lanqas setghet issir *ai termini* ta' l-istess *policy* u dan bi htija ta' l-istess attur billi t-talba tieghu kienet tardiva**; Anthony Busuttil, li fiz-zmien li sehh l-incident kien Segretarju fit-Taqsima Metall tal-General Workers' union qal li kien ghamel talba lid-Drydocks f'isem l-attur dwar il-korriment li garrab l-attur biex hu jigi kumpensat. Dan ghamlu wara li l-attur personalment mar ghandu l-ufficcju tieghu. Huwa spjega li qabel l-ittra tieghu d-Drydocks kienu saru jafu bil-korriment ta' l-attur permezz ta' l-*injury note* li ssir mic-*chargeman* jew mill-*foreman* tal-haddiem u li tintbaghat l-ispizerija u s-*safety department* tad-Drydocks. Din trid issir fi zmien 24 siegha u fil-kaz ta' l-attur, jaf li saret. Tkun saret ukoll, da parti tad-Drydocks, il-formula N.I.30. Busuttil kompla jghid li jaf illi f'diversi kazijiet id-Drydocks mexxew il-kaz huma stess mal-*Insurers*. Min din l-ittra jirrizulta li l-*underwriters* irrifjutaw li jaccetaw il-*claim* peress illi din kienet tardiva. Lawrence Bilocca esebixxa zewg ittri li gew immarkati bhala Dok LB1 u LB2 waqt li kien qed jixhed fis-seduta peritali tat-13 ta' Novembru 1995. Dok LB1 hija ittra tat-30 ta' Dicembru 1982 minghand *Lloyds Insurance Brokers* lil *Untours Insurance Ltd* li kienet qed tagixxi ghall-attur. Dok LB2 hija kopja ta' ittra ohra bid-data tal-14 ta' Frar l983 iffirmata minn SJA Clews *Admin/Educ Manager* tad-Drydocks lis-Sur Busuttil fejn dan ta' l-ahhar gie nfurmat illi l-*insurance* ma laqghetx it-talba tad-Drydocks fil-kaz fejn wegga' l-attur ghaliex l-*insurance* qeghdin jghidu li gew notifikati tard. L-istess SJA Clews gibed l-attenzzjoni tas-Sur Busuttil biex jinstab mezz biex minn iressaq *claim* jaghmilha mill-aktar fis wara l-kaz u mhux tkun ghaddiet aktar minn sena. Mill-provi jirrizulta li l-*claim* mal-*underwriters* effettivament saret tard pero` mill-istess provi ma jirrizultax illi l-*claim* saret tardiva minhabba xi htija jew negligenza da parti ta' l-attur. Il-konvenuti kienu jafu immedjatament bl-incident. L-attur xehed illi in segwitu tal-korriment tieghu huwa ghadda l-kaz lill-Union biex jaghmlulu *claim*. Kontro-ezaminat l-attur qal li lill-Union kellimhom xi sena u nofs wara. Ma ccaqlaqx qabel ghaliex kien taht l-impressjoni li, la darba

d-Drydocks kellhom l-"*accident report*" kellhom imexxu huma. Imma ma tkellem ma' hadd ufficjali fid-Drydocks matul is-sena u nofs. L-atturipprezenta certifikat mediku esebit bhala Dok A lill-konvenuti. Mela l-attur mexa sew. La darba l-kumpanijja assiguratrici naqset li thallas il-*claim* peress illi n-notifika lill-*underwriters* kienet tardiva tqum issa l-kwistjoni ta' min kien responsabbli biex jinforma lill-*underwriters*, l-attur, il-Malta Drydocks jew il-General Workers' Union. Fin-nota tas-sottomissjonijiet l-attur isostni li l-Malta Drydocks bhala l-assikurat kienet fl-obbligu li taghti: "*immediate notice ... to the underwriters of any accident to an insured person which causes or may cause disablement within the meaning of this insurance and an insured person must as early as possible place himself under the care of a qualified practitioner".* Ghalhekk il-polza tqieghed l-oneru li jmexxi u josserva l-procedura tal-*claim* fuq il-Malta Drydocks bhala l-assikurat mhux fuq il-haddiema bhala l-persuni assikurati. Mill-ittra tal-14 ta' Frar 1983 (Dok LB2) li ghaliha saret referenza aktar qabel wiehed jifhem illi fil-prattika meta kien isehh incidenti bhal dan il-Malta Drydocks kienet thalli f'idejn il-General Workers Union tramite` l-agenzija taghha l-*Untours Insurance Ltd* biex tmexxi dawn il-*claims*. L-attur safa` vitma ta' nuqqas jew tal-konvenuti jew ta' l-Untours Insurance Ltd. Imma ta' dan in-nuqqas huwa ma ghandux ibghati. Fil-fehma tal-esponent l-obbligu li l-*underwriters* jigu nfurmati bl-incident in kwistjoni kif dettat mill-polza ta' l-assigurazzjoni kien jinkombi fuq id-Drydocks. Naturalment jibqa' impregudikat lilhom id-dritt ta' risarciment kontra l-General Workers' Union jew l-Untours Insurance Agency Ltd jekk ikun il-kaz. Dana pero` ma jikkoncernax lill-attur. Fl-umili opinjoni ta' l-esponent meta nfethu dawn il-proceduri il-legittimu kontradittur kien il-konvenut. In oltre il-*Personal Accident Insurance Policy* vigenti dak iz-zmien kienet tkopri lilu bhala impjegat ta' l-istess konvenut. L-esponent jaqbel mal-attur meta jghid illi kienet it-Tarzna permezz ta' l-amministraturi taghha li kellha taghti sehh ghall-procedura u mhux toqghod tistenna lill-General Workers' Union jew lill-haddiem korrut biex javzaha bil-korriment u jitlob lit-Tarzna biex tressaq il-kaz tieghu lill-assikurazzjoni aktar u aktar meta l-konvenuti *nomine* kienu ben infurmati bl-istess korriment.

**Kumpens**

37. L-attur qed jitlob kumpens hekk kif stipulat fil-"*Lloyds Accident Policy*", immarkat u esebit bhala 'Dok. PA' li jistabilixxi *the scale of permanent disabilities* u li jelenka varji persentaggi li japplikaw skond l-ingurja li jgarrab l-individwu partikolari. Il-parti tal-gisem fejn igarrab l-*accident* l-individwu, jiddetermina l-ammont ta’ kumpens li jkun haqqu taht din l-iskala. Fil-kaz odjern, l-attur sofra dizabilita` permanenti hekk kif giet iccertifikata mill-Konsulent Ortopediku Mr. Carmel Apap Bologna F.R.C.S., F.R.C.S.E. (u mhux Mr. J.E. Casaletto kif erroneament indikat mill-attur fin-nota ta’ sottomissjonijiet), immarkat bhala Dok A anness mac-citazzjoni li minn ezaminazzjoni li huwa ikkonduca fuq l-attur irrizultat debilita` ta’ ghoxrin (20%) fil-mija. Skond ir-rapport ta’ l-espert mediku Mr. Charles Grixti MD., FRCS (li kopja tieghu tinsab annessa ma’ din ir-relazzjoni immarkata Dok. CG) mahluf fis-27 ta' April, 2008 l-attur sofra ksur ta’ wahda mill-ghadam madwar l-ghakset fis-sieq tax-xellug f’incident li kellu fid-9 ta' April 1981 u qed isofri minn disabilita` permanenti ta’ 1% u dana skond ir-relazzjoni tieghu li kopja taghha tinsab annessa ma’ dan ir-rapport.

38. L-attur korra fid-9 ta' April 1981 u rritorna ghax-xoghol ftit anqas minn xaghrejn wara fl-1 ta’ Gunju 1981. Skond ix-xhieda tieghu huwa ma tilef xejn mill-paga u l-*overtime* li seta’ ghamel. Meta gara l-incident l-esponent ikkonkluda li l-attur kellu 47 sena. Dana ghaliex skond ir-rapport mediku l-karta ta’ l-identita` ta’ l-attur hija 169334M u fit-2006 huwa xehed illi dak iz-zmien kellu 72 sena. L-attur ma gab ebda prova tal-*'basic annual wage'* kif tirrikjedi l-polza. Skond l-eta` meta sehh l-incident persuna li tikwalifika taht l-istess polza hija intitola ghal persentagg tat-total ta’ erba’ salarji. L-esponent jistqarr illi peress mir-rapport mediku ta’ l-espert Mr. Charles Grixti MD., FRCS gie stabilit li l-attur qed isoffri minn dizabilita` permanenti ta’ 1% sofra minhabba l-ksur ta’ wahda mill-ghadam madwar l-ghakset fis-sieq tax-xellug f’incident li kellu fid-9 ta’ April 1981, ma jhoss illi tali dizabilita`

ghandha tikwalifika fl-istess grad ta' *'partial loss of foot'* ta' *Lower Limbs* kif spjegat fil-pagna 2 tal-polza biex b'hekk l-attur ikun intitolat ghal percentagg hemm imsemmi tas-salarju tieghu ta' erba' snin. Tenut dan kollu jibqa' bhala fatt illi l-attur effettivament wegga' fuq il-post tax-xoghol meta dan kien kopert bi polza ta' assigurazzjoni u ghahekk ghandu jircievi xi forma ta' kumpens. In vista tal-fatt li l-attur sofra biss dizabilita` permanenti ta' 1%; ma gabx il-prova tas-salarju tieghu u c-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-esponent huwa tal-fehma li f'dan il-kaz ikun aktar opportun illi l-kumpens dovut lill-attur ghandu jigu stabilit *Arbitrio Boni Viri* u dana fl-ammont ta' elf u hames mitt euro (€1,500).

39. Ghaldaqstant it-talbiet ta' l-attur ghandhom jigu milqugha b'dan illi jkun xieraq fic-cirkostanzi tal-kaz illi l-kumpens dovut lill-attur ghandu jigu stabilit *Arbitrio Boni Viri* u dana fl-ammont ta' elf u hames mitt euro (€1,500)."

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***<u>D1. Citazzjoni maghmula kontra c-Chairman, Deputat Chairman u Membru in rapprezentanza tal-Kunsill tal-Malta Drydocks:</u>***

Din kienet l-ewwel eccezzjoni li fuqha hemm decizjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Novembru, 1992. F'dik id-decizjoni l-Qorti kienet laqghet l-eccezzjoni *in parte* u Francis Spiteri u Louis Spiteri gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju u l-kawza thalliet tipprocedi kontra Sammy Meilaq fil-kwalita` tieghu ta' *Chairman* tal-Malta Drydocks. Il-Qorti kienet ipprovdiet dwar l-ispejjez gudizzjarji relattivi biex dawn jithallsu kwantu ghal terz mill-konvenuti u zewg terzi mill-attur (fol 73 tal-process). Eventwalment l-atti gew trasfuzi f'isem Saviour Gauci, u in segwitu f'isem Joseph Crocker f'isem il-Gvern ta' Malta bhala successur fid-drittijiet u obbligazzjonijiet tal-Malta Drydocks Corporation.

***<u>D2. Personal accident insurance policy:</u>***

Il-konvenuti kienu eccepew li din tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi taghha u hija l-Malta Drydocks li hija l-beneficarju taht din il-

*policy*. L-attur intavola l-kawza odjerna sabiex jigi kumpensat skond l-iskala provvduta mil-*Lloyd's Accident Policy*. Il-konvenuti, ghal xi raguni, ma applikawx fil-kaz ta' l-attur. Il-konvenuti semmew li l-*claim* tressqet tard u ghalhekk ma setghetx tittiehed in konsiderazzjoni, izda irrizulta li l-konvenuti kienu jafu bl-incident li garrab l-attur. L-attur ibbaza l-azzjoni tieghu fuq l-inadempjenza tal-konvenuti li ma ressqux il-claim tieghu ghall-kumpens taht il-*Personal Accident Insurance Policy*, u infatti c-citazzjoni hija ibbazata fuq beneficcji li kien intitolat ghalihom l-attur skond l-imsemmija policy. Irrizulta car li l-incident sehh fuq ix-xoghol u t-talba tac-citazzjoni hija ghar-rifuzjoni ta' l-ammont li kien ikun intitolat ghalih l-istess attur li kieku giet imressqa l-*claim* kif suppost.

Huwa veru li l-assikurat huwa l-Malta Drydocks, izda kien jirrigwarda haddiema ta' l-istess Malta Drydocks, fosthom l-attur. Hu veru wkoll li l-assikurazzjoni thallas lill-Malta Drydocks li kellu l-obbligu jaghmel il-*claim* fuq il-persuni assigurati. Id-Drydocks kellha l-obbligu li taghmel il-*claim* mal-*underwriters*, u jirrizulta li l-attur kien informa lit-Tarzana dwar l-incident. Taht l-*insurance policy* msemmija, li hija *a benefit policy* in segwitu ta' kuntratt ben definit, id-dizabilita` hija determinata minn qabel u marbuta wkoll mal-kwalita` tal-korriment. Dan iwassal ghad-dritt tal-kumpens ta' l-attur. (Ara f'dan is-sens **Francis Busuttil vs Sammy Meilaq**, deciza fid-9, ta' Dicembru 2002, u **Mario Gatt vs Sammy Meilaq** deciza fil-25 ta' Jannar, 2002).

### ***D3. L-aspett ta' responsabbilta` ghall-incident:***

Il-mertu tal-kawza odjerna mhux wiehed bhal kif solitu jkun hemm ta' dikjarazzjoni ta' responsabbilta`, likwidazzjoni u kundanna, izda wiehed fejn l-*employers* hargu polza ta' assigurazzjoni biex tkopri lill-impjegati f'kaz ta' korriment waqt hin ix-xoghol. Infatti ma saritx talba ghal responsabbilta`, *damnum emergens* u *lucrum cessans*, izda ntalab li l-attur jiehu dawk il-flus li kien ikun intitolat ghalihom li kieku saret il-*claim*. Fil-kors tal-kawza ma sar infatti ebda tentattiv tal-konvenuti biex jezoneraw ruhhom mir-responsabbilta` ta' l-incident. L-attur kien kopert bil-polza ta' l-assigurazzjoni u l-incident sar waqt

hin ix-xoghol u ghalhekk hu kien kopert bil-*Benefit Policy ex contractu*, bejn l-*employer* tieghu u l-*underwriters*.

***D4. L-ammont ta' kumpens:***
Irrizulta mir-rapport ta' Mr. Grixti li kien hemm 1% *disability*. Irrizulta wkoll li l-attur ma tilef xejn mill-paga u anqas mill-*overtime*. Sfortunatament pero` l-attur ma gabx il-prova ta' l-*annual basic wage* u ghalhekk difficli li wiehed johrog il-persentagg ta' erba' salarji kif imsemmi fil-polza. Kien dan li wassal lill-Perit Legali biex jasal ghal apprezzament *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €1,500. Din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-Perit Legali, anzi tikkonfermaha.

**E. KONKLUZJONIJIET:**
Ghall-motivi fuq imsemmija, il-Qorti tichad it-tieni, it-tielet u r-raba' eccezzjoni kif imsemmi taht "D2" sa "D4".

Tiddikjara li l-korriment li fih wegga' l-attur fid-9 ta' April, 1981 u d-danni rizultanti minnu huma koperti bil-*Personal Accident Insurance Policy* li kienet vigenti ghall-haddiema tat-Tarzna fi zmien l-incident.

Tillikwida l-ammont ta' kumpens ossija beneficcju dovut lill-attur a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni b'mod *arbitrio boni viri* fl-ammont ta' €1,500.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' €1,500.

Spejjez, hlief dawk relattivi ghall-ewwel eccezzjoni (li fuqhom il-Qorti gja ipprovdiet), minhabba n-natura tal-kaz, tliet kwarti ghall-konvenuti u kwart ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------